# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta tal-lum il-Hamis, 14 ta' Frar 2019**

**Kawza Numru : 30**
**Rikors Guramentat Numru : 931/2018/LSO**

**Marcus John Scicluna Marshall (K.I. 617564M) bhala amministratur tal-beni tal-mejjet Markiz John Scicluna**

**vs**

**Saviour Attard (K.I.1040244M)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Marcus John Scicluna Marshall *nomine*, detentur ta' karta ta' identita' numru 617564M datata 19 ta' Settembru 2019 fejn bil-gurament tieghu **jiddikjara s-segwenti fatti li huwa jaf bihom personalment.**

Illi r-rikorrent *nomine* huwa proprjetarju tal-fond konsistenti f'appartament, internament immarkat bin-numru erbgha (4), formanti parti minn blokk ta' appartamenti bin-numru tnejn u ghoxrin (22) fi Triq il-Foss, Vittoriosa.

Illi recentement, l-intimat abbuzivament, illegalment u bi vjolenza sgassa l-access ghall-fond imsemmi hawn fuq u beda jokkupa l-istess fond, wahdu u/jew flimkien ma' terzi, minghajr ebda titolu.

Illi r-rikorrent *nomine* ghandu interess li jirriprendi l-pussess effettiv tal-fond in kwistjoni u ghalhekk qieghed jaghmel dan ir-rikors guramentat.

Illi fil-fehma tar-rikorrent *nomine* jikkonkorru l-elementi preskritti mill-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta), sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smigh, billi, fil-fehma tar-rikorrent *nomine*, l-intimat m'ghandu l-ebda eccezzjoni xi jressaq kontra t-talba ta' zgumbrament.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, ighid l-intimat, ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

1. Tiddeciedi dan ir-rikors guramentat bid-dispensa tas-smigh, ghall-finijiet tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tiddikjara illi l-intimat m'ghandu l-ebda titolu validu relattivament ghall-fond konsistenti f'appartament, internament immarkat bin-numru erbgha (4), formanti parti minn blokk ta' appartamenti bin-numru tnejn u ghoxrin (22) fi Triq il-Foss, Vittoriosa.

3. Tordna lill-intimat jizgombra mill-fond in kwistjoni fi zmien qasir u perentorju li joghgobha tiffissa dina l-Onorabbli Qorti.

B'riserva ghal kull azzjoni ghad-danni spettanti lir-rikorrent *nomine* minhabba dan l-agir illegali tal-intimat u bl-ispejjez kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-8 ta' Novembru 2018.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma inkluz dak tal-Hamis, 14 ta' Frar 2019 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr Stephen Muscat ghall-attur. Il-konvenut debitament notifikat u msejjah tliet darbiet ma deherx. Dr Stephen Muscatipprezenta affidavit tal-attur, u ddikjara li m'ghandux provi aktar.

INGHATAT SENTENZA:

Il-Qorti,

Wara li rat l-Art 167 *et seq* tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li rat li l-intimat debitament notifikat ma deherx;

Ikkonsidrat li l-attur irnexxielu jipprova l-pretensjonijiet tieghu skont il-ligi, ghaldaqstant :

**Taqta' u tiddeciedi** billi tilqa' t-talbiet kollha kif dedotti u tiddikjara li l-intimat m'ghandu l-ebda titolu validu ghall-fond in mertu;

Ghall-fini tat-tielet (3) talba tordna lill-intimat jizgombra mill-fond in kwistjoni fi zmien perentorju ta' xahar mil-lum.

L-ispejjez jithallsu mill-intimat.

**Deciza.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**14 ta' Frar 2019**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**14 ta' Frar 2019**